# *L-ISTORJA TAL-KULLEĠĠ MT. CARMEL*

*Fost postijiet t'importanzza li jinsabu fir-raħal tagħna, barra l-iskejjel li f'kull raħal jew Belt f'Malta wieħed issib, ġewwa r-raħal tagħna insibu wkoll il-Kullegg Mt. Carmel.*

*Dan il-Kulleġġ jinsab biswiet il-Knisja Parrokkjali ta' Santa Venera w l-Kunvent tal-Patrijiet tal-Karmnu, il-Karmelitani li jieħdu ħsieb ta' dan il-Kulleġġ insibuhom imqasma f'seba' kunventi madwar Malta li żewġ kunventi minnhom jinsabu ġo Santa Venera u ieħor fil-Fleur-de-Lys li sa ftit snin ilu kienet wkoll parti mir-raħal tagħna. Jekk inħarsu lura insibu li l-ewwel forma ta' Kulleġġ kien il-Belt Valletta fejn hemm il-Kunvent u l-Knisja tal-Karmnu.*

*Fl-1952 infetaħ il-Kulleġġ fi triq il-Kbira Santa Venera fejn illum insibu iċ-Ċentru ta' l-armar tal-festa ta' Santa Venera jew kif jafuh ħafna ix-Chateau Lonc. Hawnhekk il-Kulleġġ kien magħruf bħala 'Scuola Mariana Apostolica' fejn kien hemm klassi waħda għal kull form. Il-ħsieb kien li jedukaw lill dawk li kienu sejrin jissieħbu fl-Ordni Karmelitan. Bejn l-1952 u l-1970 il-Kulleġġ kien imexxi minn erba' retturi:- P. Manwel Gatt, P. Alfred Tabone, P. Ugo Mallia, u P. Valentine Borg Gusam.*

*Il-Kulleġġ kif nafuh illum beda tiela' f'Ġunju 1968. L-art fejn jinsab kienet tagħmel parti mill-ġnien ta' mal-Kunvent tal-Patrijiet li jieħdu ħsieb il-Parroċċa ta' Santa Venera.*

*Il-ħsieb tal-bini kien f'idejn P. George Borg, P. Justin Sant, u P. Valentine Borg Gusman.*

*Il-ftuħ tal-Kulleġġ sar f'Settembru 1970 u kellu bħala rettur lil P. Renato Valentine. Għal l-ewwel li nfetaħ kellu żewġ sullari iżda aktar tard fl-1973 ġie mibni t-tieni sullar biex b'hekk dan il-kulleġġ ġie komplut.*

*Dan il-kulleġġ jeduka madwar 500 tifel minn Year 6 sa Form V. Insibu li l-kulleġġ kellu bħala retturi kif ġa semmejna lil P. Renato Valentine, P. Karm Ferrante u lil P. Robert Farrugia li huwa r-Rettur preżenti tal-kulleġġ.*

*Ta' min isemmi li P. Robert Farrugia huwa Patri li ilu 17 il-sena fil-Parroċċa tagħna. F'dawn il-17 il-sena huwa kien jaħdem f'diversi oqsma, kemm spiritwali kif wkoll materjali għal benefiċju tal-parroċċa tagħna. Huwa kien attiv fil-festa ta' Santa Venera fejn kien fost l-oħrajn għamel 7 snin bħala prokuratur tal-festa tagħna.*

*Fil-kulleġġ hemm jieħdu ħsieb 18 il-Reliġjuż Karmelitan kemm bħala amministrazzjoni u tagħlim tar-Reliġjon kif ukoll għajnuna oħra lit-tfal. Minn dawn it-18 il-Reliġjuż insibu li 9 minnhom huma mill-parroċċa tagħna*

*Fil-programm tal-festa 1971 ingħatat importanza kbira lil dan il-kulleġġ filwaqt li f'Diċembru ta' l-istess sena saru festini fih biex ġew ċelebrati il-25 sena ta' P. Gustin Sant Provinċjal bħala Patri.*

*Fl-okkażjoni kienet inkiexfet Lapida biex tirringrazzja lil minn ħaddem għall-kulleġġ.*

*Silvio Farrugia*